# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 757

KAZ NRU. 1040

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Simon Chetcuti

u

Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 8 ta' Novembru 1996

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

**INTRODUZZJONI**

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onoreveli Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra datata 3 ta' Gunju, 1996 biex tigi processata skond l-Artiklu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm zewg seduti.

L-appellant Simon Chetcuti kien assistit mill-avukat Reno Borg LL.D., waqt li l-Kumpanija kienet assistita mill-avukat Andrew Borg Cardona LL.D.

2. **SOTTOMISSJONIJIET**

Fl-ewwel seduta l-Kumpanija irtirat ir-Rikors li ghamlet biex il-kaz ikun diferit “Sine Die” ri-appuntabbli wara li jkun deciz il-process kriminali tal-Pulizija kontra l-appellant.

Il-Kumpanija sosniet li l-kaz taghha ma kienx dipendenti fuq il-htija jew le ta’ l-akkuza kontra l-appellant.

Ikkontendiet li rrispettivament mill-ezitu tal-proceduri kriminali kontra l-appellant, il-Kumpanija ma setghetx izzommu fl-impjieg u dan ghax in-natura tal-business taghha ma kienx jippermetti li l-appellant jithalla jkun f’kuntatt mal-klijenti taghha.

L-appellant ikkontenda li tkecca ngustament ghar-raguni li hu ma kkommetta l-ebda nuqqas fil-konfront tal-Kumpanija. Barra minn hekk ghalkemm kellu akkuza ta’ natura kriminali dwar allegazzjoni ta’ reat, hu ma jistax jitqies hati sakemm tinghata s-sentenza u ghalhekk ghandu jitqies innocenti.

Hu sostna li ma kellux ghalhekk jitkecca izda jkun sospiz b’nofs paga sakemm jigi deciz il-kaz tieghu quddiem il-Qorti. L-appellant irretena li l-Ftehim Kollettiv fl-Artiklu 31 kien jesigi li l-ebda haddiem ma jista’ jigi mkecci arbitrarjament. L-istess Artiklu jispecifika li ghandu jkun hemm sospensjoni u mhux tkeccija, procedura li ma gietx segwita mill-Kumpanija.

**L-ISTORJA**

L-appellant Simon Chetcuti kien gie mpjegat mal-Kumpanija fil-5 ta’ Marzu, 1990 u spicca fil-31 ta’ Mejju, 1996. Il-kariga tieghu kienet ta’ Helper Grade I b’paga ta’ Lm240 fix-xahar.

Bhala rizultat ta’ ‘news item’ li dehret fl-istampa li Chetcuti kien aallegament involut f’zewg “hold ups”, u kien arrestat bejn il-15 u s-27 ta’ Marzu, 1996 huwa gie poggut ghal dan il-perjodu fuq “unpaid leave”.

Fid-29 ta’ Mejju 1996 l-appellant gie mgharraf li gie ssensjat b’sehh mill-31 ta’ Mejju 1996.  Il-perjodu bejn it-28 ta’ Marzu u t-30 ta’ Mejju, 1996 kine gie sospiz mix-xoghol b’nofs paga.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL**

It-Tribunal jibda biex josserva li waqt li l-Ftehim Kollettiv vigenti bejn l-Union u l-Kumpanija jispecifika l-procedura dixxiplinarja ghall-offizi kommessi mill-impjegati waqt il-qadi ta’ dmirijithom ghall-Kumpanija, ma jkoprix procedura li ghandha tigi applikata fil-kaz ta’ eventwalita’ tal-generu tal-kaz in ezami, cioe’ offiza kriminali ta’ certa gravita li l-impjegati jistghu jikkommettu meta ma jkunux fuq qadi ta’ xogholhom ghall-Kumpanija u meta dawn il-kwalita’ ta’ offizi jistghu jimpingu fuq l-interessi u l-”image” pubbliku tal-Kumpanija u li bhala rizultat jikkrejaw il-mistoqsija jekk u kemm l-impjegat hekk involut u akkuzat ghandu jibqa’ fl-impjieg tal-Kumpanija.

F’dan ir-rigward ikun ferm tajjeb jekk mhux ukoll necessarju li l-Kumpanija bi qbil mal-Union kkoncernata tirrimedja li kontingenza ta’ din ix-xorta (offizi kriminali ta’ certa gravita’ kommessi mill-impjegati meta ma jkunux fuq xoghol tal-Kumpanija) ikunu koperti b’artiklu apposta fil-Ftehim Kollettiv li jistabbilixxi l-procedura li ghandha tigi esegwita’ f’kazi bhal dawn.

It-Tribunal josserva wkoll izda li l-istess Ftehim Kollettiv fil-preambolu generali ta' l-Artiklu 31 jesigi :-

"Kull haddiem huwa pero' ntitolat ghall-gustizzja u ghall-ebda raguni ma ghandu b'xi mod ikun ikkastigat arbitrarjament.
Is-sottolinejat huwa tat-Tribunal.

Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li l-appellant huwa kopert mill-Ftehim Kollettiv u bhala rizultat huwa elegibbli ntitolat ghall-kontenut u l-applikazzjoni tal-preambolu hawn fuq citat.

F'dan ir-rigward hija l-fehma tat-Tribunal li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant tikkwalifika bhala "kastig", li ma saritx taht il-principji basici elenkati fil-preambolu ta' l-artiklu 31, ossija "....ntitolat ghall-gustizzja" u li ".... ghall-ebda raguni ma ghandu jigi kastigat arbitrarjament".

Ma jista' jkun l-ebda dubju li terminazzjoni ta' mpjieg minhabba proceduri kriminali dwar akkuzi ta' rejati allegati gravi kriminali tammonta ghall-kwalifikazzjoni ta' kastig meta ghad ma jkunx hemm prova li l-impjegat ikun instab hati ta' l-akkuzi kontrieh.

In oltre, l-kelma "dixxiplina" jew "Discipline" hija deskritta skond ic-Chambers Twentieth Century Dictionary bhala "mode of life in accordance with rules" jew "subject to control" jew sempliciment "order".

Huwa ferm pertinenti li f'dan l-istadju t-Tribunal jigbed l-attenzjoni tal-parti appellata li l-artiklu 39(5) tal-kostituzzjoni ta' Malta hawn car bizzejjed u jispecifika li :-

“Every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty”.

Dan ma jfissirx li t-Tribunal ma jifhimx il-preokkupazzjoni tal-Kumpanija dwar l-effett li akkuza kriminali ta’ certa kwalita’ u gravita’ kontra mpjegat taghha, jista’ jkollu fuq il-”business image” u l-klijenti taghha, izda dan bl-ebda mod ma jista’ jitqies raguni sufficjenti biex tippenalizza lill-impjegat qabel ma l-akkuza tkun ippruvata.

Dan ghandu jkun accettat irrespettivament mill-fatt li l-Kumpanija hadet id-decizjoni li ttemm l-impjieg ta’ l-appellant indipendentement mill-proceduri kriminali pendenti kontrieh.

Waqt li l-Kumpanija ghandha kull dritt li thares l-interessi taghha, ma tistax izda tinnega lill-impjegat taghha, f’dan il-kaz l-appellant, mid-dritt basiku tal-gustizzja kif espress kemm fl-artiklu 31 tal-Ftehim Kollettiv u l-artiklu 39(5) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

Jekk ghandu jkun hemm prova konklussiva ta’ dan kollu, t-Tribunal josserva li din tinstab fis-sub-artiklu (ix)(x) ta’ l-Artiklu 31 tal-Ftehim Kollettiv li jghid :-

“Minkejja dak kollu li hu stabbilit f’din il-procedura ta’ dixxiplina l-Ligijiet tal-Pajjiz ghandhom dejjem jipprevalu”.

Finalment it-Tribunal ezamina u kkunsidra r-relevanza li jista’ jkollu s-sub-artiklu (iii) tal-artiklu 31 fid-decizjoni tieghu.

Is-sub-artiklu li qeghda ssir referenza ghalieh jispecifika li :-

“Waqt iz-zmien ta’ sospensjoni il-haddiem ikkoncernat ma jithallasx, izda jekk eventwalment jigi liberat mill-akkuza huwa jinghata l-paga li ma jkunx thallas”.

Din il-kunsiderazzjoni qeghda tigi registrata biex tindika li l-Kumpanija u l-Union koncernata jaqblu li fil-kaz ta’ offizi ta’ mpjegati fejn ikun hemm sospensjoni mix-xoghol u dan ikun minghajr hlas, l-impjegati jithallas il-paga li ma jkunx thallas jekk jigi liberat mill-akkuza.

## 5. **<u>DECIZJONI</u>**

Ghaldaqstant wara li t-Tribunal ezamina l-fatti u c-cirkostanzi kollha, kkunsidra s-sottomissjonijiet u t-trattazzjoni tal-partijiet, id-dokumenti esebiti, ra l-Ftehim Kollettiv bejn il-Kumpanija u l-Union Haddiema Maghqudin, ra l-kostituzzjoni ta’ Malta dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet citati aktar ‘il fuq, isib li t-terminazzjoni ta’ l-impjieg ta’ l-appellant Simon Chetcuti minn mal-Kumpanija Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd kienet mghaggla u ngustifikata.

Ghalhekk jordna li t-terminazzjoni ta’ l-impjieg ta’ l-imsemmi Simon Chetcuti ghandha tigi mibdula f’sospensjoni mix-xoghol minghajr hlas u jibqa’ jidher bhala mpjegat tal-Kumpanija sospiz mix-xoghol sakemm jintemmu l-proceduri kriminali pendenti kontrieh meta l-Kumpanija tkun f’posizzjoni ahjar biex tiddeciedi jekk l-appellant jinzammx fl-impjieg taghha, decizjoni li ghandha tkun iggwidata mill-kunsiderazzjonijiet li esprima t-Tribunal.

Ghall-fini ta’ hlas dovut lid-difensuri, t-Tribunal qieghed jiffissa l-ammont fis-somma ta’ erbghin liri Maltin (Lm40) ghal kull wiehed minnhom.

B’hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

-----------------------
Carmel Debono
CHAIRMAN

-----------------------
Edwin Spiteri
SEGRETARJU

mrg